MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2005

Numru. 468/2003

PULIZIJA
SPETTUR GEOFFREY AZZOPARDI
VS
NEIL BORG ET

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Neil Borg ta’ 16 il-sena bin Raymond u Joan nee Meli, imwieled Sliema fl-4 ta’ Lulju 1986 u li joqghod 21, Vicky, flat 1, Triq Villie Arena, Gzira, detentur tal-karta tal-identita 299686(M), u Terence Scerri ta’ 15 il-sena, bin Angelo u Rose nee’ Borg, imwieled Pieta’ fis-6 ta’ Novembru 1987 u residenti 6, Flat 6, Triq il-Flotta, Gzira, detentur tal-karta tal-identita numru 508487(M), talli fit-8 ta’ Jannar 2003, ghal habta tas-5.45pm, bil-hsieb li jikkommettu reat ta’ serq ta’ zewg ‘mountain bikes’, wrew dan il-hsieb b’atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta taghhom, liema tentattiv ta’ serq

li kieku sehh ikun kkwalifikat bil-valur li ma jeccedix l-elf lira maltin , bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-detriment ta’ Andreas Muller.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputati sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tat-2 ta’ Frar 2004 fejn il-Qorti laqghet it-talba tal-prosekuzzjoni ghal separazzjoni tal-gudizzju.

Rat is-sentenza tat-2 ta’ Frar 2004.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni, jirrizulta illi l-Pulizija rcevew rapport fit-8 ta’ Jannar 2003, illi kien hemm xi hadd li qed jisraq zewg ‘bicycles’ hdejn l-istadium l-antik tal-Gzira. Illi PC 702 u PC 1408 accedew fuq il-post fejn iltaqa’ ma’ certu Alan Montanaro li qalilhom li kien hemm zewg zaghzagh qeghdin jisirqu dawn ir-roti. Filfatt il-Pulizija arrestaw lill-imputati minnufih fuq il-post, u ttehditilhom stqarrija.

Terence Scerri ddecieda li jammetti u l-kawza tieghu giet deciza fit-2 ta’ Frar 2004.

PS 702, PC 1408 u Alan Montanaro kollha xehdu, identifikaw lill-imputati, u taw deskrizzjoni ta’ kif dawn iz-zewg zaghzagh kienu qed jippruvaw jisirqu z-zewg ‘mountain bikes’ imsemmija fic-citazzjoni, liema ‘mountain bikes’ jirrizulta li kienu marbuta b’katina ma’ sigra.

Illi fis-16 ta’ Mejju 2005, l-imputat Neil Borg xehed fejn filfatt, fil-kontro ezami, dan ammetta illi z-zewg ‘mountain bikes’ kienu attwalment marbutin u assikurati b’katina

appozita, u ammetta illi zbalja meta hadhom, izda haseb illi kienu roti antiki u mitluqin.

Illi in vista tal-ammissjoni tal-imputat Neil Borg, il-Qorti ssibu hati skond l-akkuza u wara li rat Art 261, 267, 270, 271, 279, 280, 281, 41 u 42 tal-kap 9 u Art 7 u 9 tal-kap 446 u tqieghed lill-imputat Borg taht ordni ta' 'probation' ghal perjodu ta' sena.

Ghal dan il-ghan il-Qorti qed tinnomina lid-Direttur tal-Probation Services sabiex jinnomina probation officer ghall-imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------